**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 469/10VG**

**Albert Falzon**

**Vs**

**Palm Court Limited**

**Illum 16 ta' Ottubru 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Albert Falzon fl-4 ta' Novembru 2010 permezz ta' liema jitlob li s-socjetà Palm Court Limited tigi kkundannata thallsu s-somma ta' sebat elef sitt mija u wiehed Euro u hamsin centezmu (€7,601.50), rapprezentanti ammont minnha lilu dovut bhala kummissjoni ghall-bejgh ta' kmamar fil-lukanda Qawra Inn Hotel ghax-xhur li jiddekorru minn April sa' Settembru 2010, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra s-socjetà Palm Court Limited;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Palm Court Limited permezz ta' liema topponi ghat-talba attrici u titlob li tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi mhux talli ma ghandha taghti xejn lill-attur talli huwa l-attur li ghandu jhallasha ghad-danni minnu lilha kawzati meta: (i) biddel il-*passwords* kollha tal-*website* taghha; (ii) gholla r-rata tal-kmamar ghal mitejn Euro (€200) kull lejl biex b'hekk tellifha l-klijenti; (iii) qabad u biddel il-*password* ta' wahda mill-iskrivani biex b'hekk il-flus li kienu jigu mhallsa mill-klijenti mal-booking fuq il-*website* baqghu ma gewx migbura; u (iv) qabad u telaq mix-xoghol minghajr ebda pre-avviz u minghajr ma informa lil hadd bil-*passwords* il-godda;

Rat il-kontro-talba tas-socjetà Palm Court Limited permezz ta' liema titlob li l-Qorti: (i) tiddikjara u tiddeciedi li hija sofriet danni minhabba l-agir ta' l-attur meta dan ma rrappurtax iktar ghax-xoghol minghajr ma ta ebda *notice*, li ad insaputa u minghajr l-approvazzjoni taghha, l-attur biddel il-*passwords* kollha

u b'hekk hadd ma seta' jidhol fil-*website*, biddel il-*password* ta' wahda mill-iskrivani minghajr ma' din lanqas indunat biex b'hekk il-flus li thallsu mill-klijenti ghall-bookings minn fuq il-*website* baqghu ma ingabrux b'telf ta' eluf ta' Euro ghaliha u peress illi indika r-rata ta' kull kamra fil-lukanda taghha bhala €200 ghal kull kamra biex b'hekk tellef ix-xoghol lill-istess lukanda; (ii) tillikwida s-somma dovuta lilha, liema somma ma teccedix il-hdax-il elf sitt mija sitta w erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), okkorrendo permezz ta' nomina ta' periti jekk ikun il-kaz; u (iii) tordna lill-attur ihallasha s-somma hekk likwidata in linea ta' danni, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat ir-Risposta ta' l-attur ghall-kontro-talba tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema jopponi ghall-istess u jitlob li t-talbiet rikonvenzjonali jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà konvenuta, stante li: (i) kuntrarjament ghal dak minnha premess fit-tieni premessa tal-kontro-talba taghha, ma huwiex minnu li huwa kien jiehu hsieb il-*website* tal-lukanda Qawra Inn Hotel. Huwa kien jiehu hsieb il-*bookings* ta' l-imsemmija lukanda fuq *booking sites* gestiti minn terzi li huma totalment indipendenti mill-*website* tal-lukanda www.qawrainn.com li ghaliha huwa ma kellu l-ebda access; (ii) kuntrarjament ghal dak premess mis-socjetà konvenuta fit-tielet premessa tal-kontro-talba taghha, ma huwiex minnu li huwa ma rrappurtax izjed ghax-xoghol minghajr ma ta l-ebda *notice* u dan kif jirrizulta minn *resignation letter* annessa mar-Risposta bhala Dok. "AF1"; (iii) kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà konvenuta fir-raba' premessa tal-kontro-talba taghha, kemm-il darba hija qed tirreferi ghall-*webiste* tal-lukanda, ossia www.qawrainn.com, ma huwiex minnu li huwa biddel il-*passwords* ta' din il-*website* peress illi huwa qatt ma kellu access, ossia *password*, ghal tali *website*. F'kaz li s-socjetà konvenuta tirreferi ghall-*booking sites* gestiti minn terzi, m'huwiex minnu li huwa biddel il-*passwords* ghal tali *booking sites* u in oltre dawn il-*passwords* gew minnu provduti bil-miktub lil Paul Banavage, manager mas-socjetà konvenuta, u ghalhekk l-istess socjetà konvenuta kienet f'posizzjoni li taccedi ghall-imsemmija *booking sites* u/jew tbiddel il-*passwords* ghall-istess; (iv) kuntrarjament ghal dak premess mis-socjetà konvenuta fil-hames premessa tal-kontro-talba taghha, huwa ma biddel l-ebda *password* ta' l-iskrivani tas-socjetà konvenuta u b'referenza ghal dak premess mis-socjetà konvenuta f'din l-istess hames premessa tat-talba rikonvenzjonali taghha, il-*booking sites* ma joperawx b'sistema ta' pagamenti *online* lill-istess *booking sites* però il-pagament isir direttament mill-klijent lill-lukanda; u (v) b'referenza ghas-sitt premessa tal-kontro-talba, kemm-il darba s-socjetà konvenuta qed taghmel referenza ghall-*website* tal-lukanda ossia www.qawrainn.com, ma huwiex minnu li huwa biddel ir-rati tal-kmamar fuq din il-*website* peress illi qatt ma kellu access ghal tali *website* u f'kaz li qed tirreferi ghall-*booking sites* gestiti minn terzi, ma huwiex minnu li huwa biddel ir-rati tal-kmamar tal-lukanda Qawra Inn Hotel;

Rat id-dokument Dok. "AF1" anness mar-Risposta ta' l-attur ghall-kontro-talba tas-socjetà konvenuta a fol. 16 tal-process;

Rat l-affidavit ta' l-attur markat Dok. "AF" u d-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "CR" sa' Dok. "CR7" esebiti permezz ta' Nota pprezentata fil-21 ta' Frar 2011 a fol. 18 sa' 30 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Frar 2011[1], tal-5 ta' Dicembru 2011[2], tat-13 ta' Frar 2012[3] u tat-12 ta' Gunju 2012[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu lkoll markati Dok. "GV1" a fol. 65 sa' 80 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Romwald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011[5] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "RA1" a fol. 42 tal-process, rat l-affidavit ta' Albert sive Robby Borg markat Dok. "PC1" esebit permezz ta' Nota pprezentata fil-5 ta' Dicembru 2011 u rat id-dokumenti Dok. "AM1" a fol. 45 u 46 tal-process u d-dokument ukoll markat Dok. "AM1" a fol. 64 tal-process, rat l-affidavits ta' Sharon Falzon a fol. 52 tal-process u a fol.142 u 143 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Sharon Falzon moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012[6], semghet ix-xhieda ta' John Pace moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' Marzu 2012[7] u tat-12 ta' Lulju 2012[8] u semghet ix-xhieda ta' Paul Banavage moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2012[9], rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' Frar 2013[10], liema dokumenti kienu già gew esebiti a fol. 115 sa' 124 tal-process izda ghal xi raguni jew ohra dawn ma setghux jinstabu u b'hekk kellhom jergghu jigu esebiti mill-gdid;

Rat li waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru 2012[11] l-attur talab l-isfilz ta' l-affidavit ulterjuri ta' Sharon Falzon peress illi dan gie pprezentat minghajr ma intalbet l-awtorizzazzjoni lill-Qorti u fi kwalunkwe kaz il-kawza kienet waslet fi stadju konklussiv fejn kull ma kien jonqos kien il-konkluzzjoni tal-kontro-ezami ta' John Pace u l-kontro-ezami ta' Albert Borg;

Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta ghat-talba ta' l-attur ghall-isfilz ta' l-affidavit ulterjuri ta' Sharon Falzon[12];

Rat li b'Digriet moghti fl-4 ta' Frar 2013, it-talba ghall-isfilz ta' l-affidavit ulterjuri ta' Sharon Falzon giet michuda[13];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur a fol. 164 sa' 170 tal-process u rat in-Nota Responsiva tas-socjetà konvenuta a fol. 171 sa' 176 tal-process;

---

[1] Fol. 31 u 32 tal-process.
[2] Fol. 53 sa' 58 tal-process.
[3] Fol. 81 sa' 85 tal-process.
[4] Fol. 125 sa' 131 tal-process.
[5] Fol. 43 tal-process.
[6] Fol. 86 sa' 88 tal-process.
[7] Fol. 94 sa' 97 tal-process.
[8] Fol. 136 sa' 140 tal-process.
[9] Fol. 98 sa' 112 tal-process.
[10] Fol. 152 sa' 162 tal-process.
[11] Fol. 146 u 147 tal-process.
[12] Fol. 145 tal-process.
[13] Fol. 151 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' €7,601.50, rapprezentanti kummissjoni ghall-bejgh ta' kmamar fil-lukanda Qawra Inn Hotel ghax-xhur minn April sa' Settembru 2010, l-imsemmija xhur inkluzi. Is-socjetà konveuta tilqa' ghat-talba ta' l-attur bl-eccezzzjoni li tali talba hija infodata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux talli ma ghandha taghti xejn lill-attur talli huwa l-attur li ghandu jhallas lilha ghad-danni minnu lilha kawzati stante li: (i) biddel il-*passwords* kollha tal-*website* taghha; (ii) gholla r-rata tal-kmamar ghal mitejn Euro (€200) kull lejl biex b'hekk tellifha l-klijenti; (iii) qabad u biddel il-*password* ta' wahda mill-iskrivani biex b'hekk il-flus li kienu jigu mhallsa mill-klijenti mal-booking fuq il-*website* baqghu ma gewx migbura; u (iv) qabad u telaq mix-xoghol minghajr ebda pre-avviz u minghajr ma informa lil hadd bil-*passwords* il-godda.

In bazi ghal dawn il-premessi s-socjetà konvenuta ressqet talba rikonvenzjonali fil-konfront ta' l-attur permezz ta' liema titlob li jigi dikjarat li hija sofriet danni minhabba l-agir ta' l-attur, jigu likikwdati d-danni sofferti minnha u l-attur jigi b'hekk ikkundannat ihallasha d-danni likwidati. L-attur da parte tieghu kategorikament jichad li agixxa bil-mod/modi premessi mis-socjetà konvenuta u konsegwentement ghalhekk jikkontendi li ma ghandu jkun tenut ihallasha l-ebda danni.

Mill-provi prodotti tul is-smigh ta' dawn il-proceduri jirrizulta inkontestat bejn il-partijiet kontendenti li l-attur kien impjegat mas-socjetà konvenuta fejn essenzjalment l-inkarigu tieghu kien jikkonsisti, oltre bhala xoghol ta' *receptionist*, f'li jiggestixxi l-*online bookings* ghall-lukanda Qawra Inn tas-socjetà konvenuta fuq *websites* ta' terzi. Jirrizulta daqstant iehor inkontestat il-fatt li s-socjetà konvenuta – jew ahjar Albert sive Robby Borg proprjetarju tas-socjetà konvenuta – kienet ftehmet ma' l-attur li thallsu commission ta' 2% fuq il-bejgh tal-kmamar *online*. Il-kontestazzjoni hija ccentrata madwar il-hlas effettiv ta' tali commission, bis-socjetà konvenuta tikkontendi li ma ghandha thallas xejn lill-attur izda huwa l-attur li ghandu jhallas lilha ghad-danni minnu kawzati minhabba l-agir tieghu matul iz-zmien li kien impjegat tas-socjetà konvenuta, partikolarment lejn it-tmiem ta' l-impjieg tieghu maghha.

L-attur essenzjalment isostni li in bazi ghall-ftehim li kellu mas-socjetà konvenuta huwa qed jippretendi hlas tas-somma ta' €7,601.50 rapprezentanti il-commission dovuta lilu ghall-perijodu bejn April u Settembru 2010, ix-xhur imsemmija inkluzi. Fl-affidvait tieghu esebit a fol. 19 sa' 22 tal-process, l-attur jikkontendi li *kull xahar jien kont infassal rapport bl-ammont ta' bookings minn kull website bl-ammont imhallas lill-lukanda mill-klijenti u bl-ammont dovut lili bhala kummissjoni bir-rata ta' 2%. Jien kont hrigt rapport ghal kull xahar minn Marzu sa' Settembru 2010 (Dok. CR1 sa' CR7). Robbie Borg kien*

*hallasni personalment b'cheque tal-BOV fl-ammont ta' €323.23 ghall-ewwel xahar u cioè Marzu 2010 u ammont ta' €500 permezz ta' cheque tal-BOV akkont tal-kummissjoni dovuta ghax-xhur ta' April, Mejju u Gunju 2010. Jien kont nitolbu biex nithallas kull xahar però ma hallasni xejn izjed. Ghamilt ukoll rapport finali tax-xhur kollha li semmejt (Dok. CR) bl-ammont totali dovut lili bhala kummissjoni li jammonta ghal €7,601.50, wara li jitnaqqsu l-ammonti gia mhallsa kif imsemmi. Jien dejjem tlabt lil Robbie Borg biex nithallas però baqa' jgib l-iskuzi u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Robbie Borg qatt ma nnega li l-kummissjoni hija dovuta lili u qatt ma kkontesta l-ammonti.*

L-allegazzjonijiet tas-socjetà konvenuta fil-konfront ta' l-attur u in bazi ghal liema hija qed tirrifjuta li thallas lill-attur, anzi tippretendi hi hlas minghandu, huma dettataljament esposti fl-affidavit ta' Albert sive Robby Borg, esebit permezz ta' Nota pprezentata fil-5 ta' Dicembru 2011 a fol. 48 sa' 51 tal-process, izda ghandu jinghad li l-maggor parti ta' dawn l-allegazzjonijiet fir-rigward ta' l-operat specifiku ta' l-attur ma gew minnha bl-ebda mod ikkoroborati.

Ghalkemm fl-affidavit tieghu Albert sive Robby Borg afferma li *wara xi ghimghat* [li kien offra lill-attur li jhallsu 2% commission fuq il-bejgh *online* tal-kmamar fil-lukanda] *kont indunajt li huwa ma kienx qieghed izomm il-websites updated kif kellu jaghmel. Fil-fatt dan nafu ghax ma kienx qieghed jiehu hsieb li jzomm il-websites updated mir-reception. Kont sirt naf li huwa kien qieghed jidhol xi granet extra biex jirranga u jzomm il-website updated. Fil-fatt dawn kienu granet oltre s-shift tieghu li fih kien ikun fir-reception, u dan kien qieghed jaghmlu biex jithallas aktar. Kont indunajt ukoll illi flok jibqa fir-reception u jupdateja l-websites waqt li jkun qieghed jahdem is-shift tieghu – kien beda jdahhal lill-impjegati ohrajn biex joqghodu fir-reception u hu jidhol f'ufficcju u jirranga l-websites minn gewwa dak l-ufficju*[14], dak minnu affermat ma gie kkoroborat u kkonfermat minn hadd.

Sharon Falzon, prodotta bhala xhud mis-socjetà konvenuta, li kienet impjegata ohra tas-socjetà konvenuta u lill-attur kienet tafu sew, ma semmiet assolutament xejn fir-rigward u kull ma qalet dwar ix-xoghol ta' l-attur u kif kien jaghmlu hu li *lil Albert Flazon nafu jahdem fir-reception tal-lukanda Qawra Inn Hotel u kien jiehu hsieb l-websites tar-reservations tal-lukanda*[15]. Bl-istess mod Paul Banavage, ukoll prodott bhala xhud mis-socjetà konvenuta, fix-xhieda li ta waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2012[16] ma semma xejn dwar dak affermat minn Albert sive Robby Borg fl-affidavit tieghu, anzi fir-rigward ta' l-operat ta' l-attur waqt iz-zmien li dan kien jahdem mieghu mistoqsi mill-Qorti *meta qed tghidli kien hemm min fahhar lil Albert fuq il-website, ghal liema Albert qed tirreferi?* Paul Banavage irrisponda *Albert Falzon ghax dak*

---

[14] Para. 4 sa' 6 ta' l-affidavit ta' Albert sive Robby Borg, fol. 48 tal-process.
[15] Para. 3 ta' l-affidavit ta' Sharon Falzon, fol. 52 tal-process.
[16] Fol. 98 sa' 112 tal-process.

*iz-zmien kien hemm l-ash cloud li kien hemm fl-Ewropa u hafna mit-turisti gew stranded hawn Malta u s-Sur Borg iddecieda li nzommu l-istess rata u ma nabbuzawx kif ghamlu lukandi ohra fejn kulhadd beda jispara ghall-arja. … Baqa' bl-istess rata u Albert tahom assistenza totali jigifieri kien hemm min fahhru kemm kien tajjeb fix-xoghol tieghu u kollox.*

Fl-istess affidavit Albert sive Robby Borg iddikjara li *kien ghall-habta ta' Settembru li Albert Falzon kien qabad u ddecieda li ma jigix aktar ghax-xoghol. L-istaff kienu cemplulu biex jaraw xi gralu u hu kien qalilhom li ma kienx gej aktar ghax-xoghol. Kelli imbaghad ninkariga lil haddiehor biex jibda joholdi hsieb il-websites ta' Palm Court. Fil-fatt kien proprju hawnhekk li kont indunjat b'xkien ghamel Albert Falzon. Konna indunajna li dan kien qabad u biddel il-passwords kollha tal-websites tal-Lukanda. Fil-fatt ma stajniex nidhlu u jkollna access. Kien anki qabad u zied il-prezz tal-kmamar ghal €200 ghal kull kejl bhala room rate. Dan kien ghamlu biex hadd ma jibbukja b'dak il-prezz ezagerat! Konna tlabnih biex jaghtina l-passwords halli nkunu nistghu naccessaw il-websites. Kien qalli li ma kienx ser jaghtini l-password qabel ma nhallsu. Konna f'dan il-punt tlabna lill-Pulizija tas-Cyber Police biex tghina. Biex ergajna hdimna kollox tghidx kemm ghaddejna minn inkwiet u infaqna hafna spejjez. Tlifna wkoll eluf kbar ta' ewro peress li dak il-perijodu li domna bil-websites weqfin, fil-bidu ta' Settembru u cioè l-peak tax-xoghol – hadd ma seta' jibbukja minn fuq il-websites. Il-Pulizija tas-Cyber Unit kienu ghenuni biex insib min jghini – fil-fatt kienu qabbduni mal-kumpanija booking.com u din kienet ghenitni biex ituni passwords godda*[17].

Hawn ukoll dak affermat minn Albert sive Robby Borg ma giex debitament u sodisfacentement ikkoroborat. Jibda biex jigi osservat li ghalkemm Albert sive Robby Borg jghid li hu kien talab ghall-assistenza tal-Pulizija tas-Cyber Unit, li fil-fatt kienu ghenuh, ghal ragunijiet li taf is-socjetà konvenuta biss dawn il-membri tal-Korp tal-Pulizija ma tressqux bhala xhieda. Bl-istess mod ghalkemm Albert sive Robby Borg jghid li biex regghu inghataw access ghall-*online booking websites* li kien jiggestixxi l-attur wara li dan ittermina l-impjieg tieghu mas-socjetà konvenuta, is-socjetà dahlet fi spejjez ingenti u tilfet ammont ta' *bookings,* ma tressqet l-ebda prova konkreta fir-rigward minkejja l-kontro-talba avvanzata mill-istess socjetà konvenuta fil-konfront ta' l-attur.

Is-socjetà konvenuta ppruvat tikkorobora x-xhieda ta' Albert sive Robby Borg permezz tax-xhieda ta' Sharon Falzon u Paul Banavage. Fir-rigward tal-bdil tal-*passwords* mix-xhieda ta' Sharon Falzon jirrizulta li waqt li l-attur kien ghadu jahdem mas-socjetà konvenuta kien hemm istanzi meta huwa kien bidlilha l-*password* izda dejjem taha l-*password* il-gdida. Fir-rigward tar-rata mibdula ghall-kmamar tal-lukanda l-istess Sharon Falzon xehedet illi *wara li*

[17] Para. 11 sa' 16 ta' l-affidavit ta' Albert sive Robby Borg, fol. 49 tal-process.

*kien telaq l-attur minn mal-kumpanija jiena kont dhalt fil-website tal-booking.com, mhux fis-sistema tal-bookings izda fil-website in generali u hemm kont rajt li l-kmamar kienu qed jigu kwotati bil-prezz ta' mitejn euro kull lejl. Jiena naturalment kont rajtu gholi hafna* ***però ma nistax nghid jekk dak il-prezz kien tnizzel hemm mill-attur***[18]***.*** *Jiena meta rajt dan kont infurmajt lis-Sur Borg kif ukoll lill-manager*[19]*.*

Da parte tieghu Paul Banavage iddikjara li meta l-attur iddecieda li kien se jittermina l-impjieg tieghu kien fil-fatt tah nota ta' terminazzjoni ta' l-impjieg. In effetti ddikjara li *s-sur Falzon lili bhall-membri ohra ta' l-istaff, meta jitlalhom ighidlek jiena tlaqt spiccajt u daqshekk ghax anki kien hemm uhud ohra li ghamluha din. Albert dik ghalija ghamilha qisu tliett darbiet dejjem sejjer u sejjer u* ***kien tani nota u kont qieghdtha fuq id-desk ta' Nathaniel***[20] *imma kien ghamilhieli diga' darbtejn ohra fejn qalli li sejjer ghax iddejjaq ghax kien imdejjaq ghax fil-lukanda kien hemm pressure*[21]. Din in-nota imsemmija minn Paul Banavage hija fil-fatt il-*letter of resignation* ta' l-attur datata 25 ta' Settembru 2010 esebita mill-attur bhala Dok. "AF1" a fol. 16 tal-process, quindi altru milli qabad u telaq kif jimplika Albert sive Robby Borg fl-affidavit tieghu. In kwantu rigwarda dak li gara wara li telaq l-attur b'mod partikolari dwar il-*passwords* Paul Banavage, in risposta ghall-mistqosija *lilu* (ossia l-attur) *ma staqsejtux ghalihom dawn il-passwords il-godda?* Iddikjara *ifhimni Albert huwa habib tieghi u kien jahdem mieghi it-Topaz ukoll u kont irrakkomandajtu lis-Sur Robbie dak iz-zmien, u hu jaf,* ***b'din l-azzjoni li ghamilli li telaqli cum bum, meta tkun qieghed on the battlefield u jitlaqlek wiehed, hadt ghalija hafna u ridtx naf***[22]. Fir-rigward tar-rati tal-kmamar Paul Banavage iddikjara li wara li ottjenew access ghall-*online booking websites, ir-rati kellna nibbdluhom kollha ghax dahal anki t-tifel tas-sur Robbie, Nathaniel ghax huwa aktar intiz fil-computer.* In risposta ghall-mistoqsija tal-Qorti *ghaliex kellkom tbiddluhom ir-rati?* Paul Banavage iddikjara ***trid tibdel bil-fors. … Minhabba l-konkorrenza, ix-xahar anke fil-gurnata***[23]. Fuq domanda ohra tal-Qorti *meta fl-ahhar kellek access ghal din is-sistema, sibt xi haga li hassbitek jew li kien hemm xi haga li ma kenitx f'postha?* Paul Banavage iddikjara *kien hemm rati li kienu baxxi hafna u kien hemm rati li kienu gholjin enormi* ***imma ma tistax tghid***[24] *u imbaghad wiehed beda jipprova jaqbad bejn it-tifel tas-Sur Borg u jiena u bejn l-ohra r-receptionist, bdejna nippruvaw naghmlu. … Ingibu x-xoghol fuq livell kif ghandu jkun*[25]*.*

[18] Enfasi tal-Qorti.
[19] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2012, fol. 86 sa' 88 tal-process.
[20] Enfasi tal-Qorti.
[21] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2012, fol. 98 sa' 112 tal-process.
[22] Enfasi tal-Qorti. Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2012, fol. 98 sa' 112 tal-process.
[23] Enfasi tal-Qorti.
[24] Enfasi tal-Qorti.
[25] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2012, fol. 98 sa' 112 tal-process.

Fil-fehma tal-Qorti dak allegat minn Albert sive Robby Borg fil-konfront ta' l-attur u l-agir tieghu lejn tmiem u wara t-tmiem ta' l-impjieg tieghu mas-socjetà konvenuta ma gie bl-ebda mod ikkoroborat mix-xhieda prodotti mill-istess socjetà konvenuta.

Dejjem fl-affidavit tieghu Albert sive Robby Borg jikkontendi wkoll illi *f'Ottubru 2010 konna skoprejna wkoll li kien hemm xi GBP 90,000 rappreżentanti hlasijiet li kienu saru minn klijenti tal-Lukanda tramite credit cards li ma kienux gew processati. Dan kien gara ghax Albert Falzon kien bidel il-passwords tas-sistema li biha kienu jghaddu l-hlasijiet li jsiru minn fuq credit cards u li beda jigri kien li ghalkemm il-flus jinqabdu ghal xi ftit zmien mis-sistema, il-klijent beda jinghata refund globali ta' kull ammont li suppost kellu jithallas mill-Lukanda Palm Court. Ahna s-sistema taghna kienet tant li kienet tiehu d-dettalji tal-credit cards tal-klijent – minflok captured, kien baghbas is-sistema b'tali mod li l-flejjes kienu 'approved'. Jiena dwar dan ma nistax inkun tekniku izda mill-bank kienu qaluli li kien hemm tbaghbis fis-sistema. Il-bank fil-fatt kien qalli li l-flus ma kienux approved biss mis-sistema, dawn jibqghu il-bank rizervati ghall-perijodu ta' zmien, imbaghad il-bank jerga' jirrilaxxhom. Dan gara minhabba li Albert Falzon kien baghbas xi haga fil-passwords tal-programm li konna nuzaw biex nithallsu minghand il-klijenti bil-credit cards taghhom. Il-bank kien qabbad il-kumpannija APCO u anki din kienet ikkonfermatli li kien hemm xi hadd li kien biddel il-password u s-settings tal-programm biex il-flus minn captured ikunu biss approved – u b'konsegwenza ta' dan tlifna eluf ta' pagamenti peress li l-flus ma dahlux il-bank. Meta ndunajna b'dan kollu konna ghamilna arrangamenti mal-bank biex forsi nigbru li stajna. Fil-fatt konna tlifna eluf kbar ta' flus u kull ma gbarna kien xi GBP 43,000. Il-bank kien inkwetat hafna b'dak li kien gara u kien zammhom dawn il-43,000 GBP – dawn kien zammhom biex ikun kawt. Kien anki waqqafli l-facility li kien joffrili peress li gejna qisna xi hadd mill-impjegati tieghi kien baghbas fis-sistema ta' pagamenti tal-bank. Dak kien ghall-habta ta' Ottubru 2010. Minhabba dan li kien gara, u cioè li twaqfitli l-facilità, il-Lukanda hadet daqqa ta' harta kbira. Nghid li ahna tlifna madwar nofs miljun sterlina sa' llum minhabba dan l-agir abbuziv ta' Albert Falzon u dan peress li l-maggoranza tal-klijenti taghna huma barranin. Il-bank kien waqqafli s-sistema li n-nies jistghu jibbukjaw online, u in oltre, lanqas ma stajna lin-nies nohdulhom il-flus minn fuq it-telephones. Ghalhekk konna tlifna hafna hafna xoghol. Minhabba f'hekk il-business mar hazin hafna. Kellna ninkarigaw kumpanija barra minn Malta li taghmlilna l-advertising li jisimha Mirabelle Communications sabiex tigbrilna l-flus hi minghand il-klijenti, izda din hija procedura kkumplikata hafna u telfitna hafna hafna xoghol. Il-Bank of Valletta ghadu sa' llum ma taniex lura l-facility u ghadna sa' llum bil-problema li ma nistghux nigbru pagamenti u flus minn barra minn Malta u lanqas minn Malta. Dan ifisser telf ta' hafna xoghol u nghid li*

*facli li f'sena dan it-telf ammonta ghal aktar minn nofs miljun sterlina profit*[26].

Dak hawn allegat minn Albert sive Robby Borg fil-konfront ta' l-attur mhux talli ma gie korroborat bl-ebda mod talli gie kontradett minn rapprezentant tal-Bank, senjatament minn John Pace, Executive Head fil-Unit tal-Cards mal-Bank of Valleta. B'referenza partikolari ghal dan il-kaz John Pace iddikjara li *ahna proprjament gejna nnotifikati lejn Novembru 2010 fejn f'dan il-kaz is-Sur Borg qalilna li kien hemm ammont ta' transazzjonijiet li ma thallasx taghhom. Meta indagajna sibna li dawn it-transazzjonijiet kienu gew awtorizzati però ma kienux sottomessi lilna biex inhallsuhom u ovvjament ma stajniex inhallsu. Sussegwentement gbarna l-informazzjoni kollha u t-transazzjonijiet u pprocessajnihom kif fil-fatt ghamilna fil-5 ta' Novembru. Bhala ammonti qed nitkellmu 41,000 Lira Sterlina u 4,500 Ewro u l-perijodu kien ivarja ghal sitt xhur qabel Novembru 2010. Kienu l-ammont ta' transazzjonijiet li imbaghad tana s-Sur Borg, ivverifikajna li ma kienux gja gew ipprocessati w ahna imbaghad ipprocessajnihom. ... Inti biex taccetta pagamenti online s-sistema tieghek ma nistghux inqabbduha direttament mal-bank ghal hafna ragunijiet fosthom minhabba sigurtà u minhabba l-izvilupp li jkollok taghmel. Allura hemm dak l-intermedjarju li nghidulu payment gateway li f'Malta l-bank ghandu sitta awtorizzati u l-klijenti jmorru ghand il-payment gateway. Dan il-payment gateway lilek ser jaghtik access to capture a transaction jigifieri ggib l-awtorizzazzjoni biex tghaddiha imbaghad eventwalment taghddiha lill-bank biex tithallas. Issa kif tahdem din is-sistema u kif trid taghmel u tidhol u hekk ma nistax nghid.* In risposta ghall-mistoqsija *issa f'dan il-kaz min kien jissottomettihom dawn it-transazzjonijiet? Kien hemm xi persuna partikolari?* John Pace irrisponda *ma nistax nirrispondik ghax ma nafx.* U ghall-mistoqsija ulterjuri *ma jkollkomx record into mill-bank?* John Pace irrispnda *ahna lanqas biss access ghal min ghandu access ghas-sistema tal-klijent m'ghandna.* Dwar il-kaz partikolari John Pace spjega illi *f'dan il-kaz* [il-flus] *baqghu fuq is-sistema tal-klijent u mhux fuq is-sistema tal-bank. Il-procedura mid-dehera f'dan il-kaz tal-payment partikolari hija li jrid jew jaghfas buttuna jew itellaq xi process biex it-transazzjonijiet minn hemmhekk jigu fuq is-sistema taghna.* In risposta ghad-domanda *u dan qatt ma sar?* John Pace irrisponda *apparentament le* u kompla jispjega li ***imbaghad ipprocessajnihom u thallsu regolarment. ... Proprjament ir-regolamenti jghidu li ma nistghux nibghatu transazzjonijiet izjed minn tletin gurnata. Però f'dan il-kaz partikolari minflok ghidna ma inhallsu xejn ippruvajna nipprocessaw u mas-Sur Borg ftehmna li jekk xi hadd mill-card holders jikkomplejnja ovvjament kien ser ikollna niddebitawh. Fil-fatt hafna mit-transazzjonijiet gew accettati u kieku m'ghamilniex hekk kieku tilef hafna izjed flus***. In risposta ghad-domanda ***d-domanda tieghi li inti sibt 41,000 Sterlina u sibt***

[26] Para. 17 sa' 24 ta' l-affidavit ta' Albert sive Robby Borg, fol. 49 u 50 tal-process.

***4,000 Sterlina sewwa, dawn huma dawk li stajt tmur lura inti jew li effettivament kien hemm daqshekk?*** John Pace iddikjara ***iva dawn huma li s-Sur Borg qalilna li ma thallasx taghhom***. In risposta ghall-mistoqsija ulterjuri ***barra dawn iz-zewg sommom, kien hemm sommom ohrajn illi ndikalek is-Sur Borg? Kien hemm transazzjonijiet ohrajn li ndikalek is-Sur Borg?*** John Pace wiegeb ***mis-sistemi taghna ma jirrizultax***[27].

Meta rega' xehed in ezami waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2012[28], John Pace spjega s-sitwazzjoni tas-socjetà konvenuta vis-à-vis il-facilità koncessa lilha mill-Bank of Valletta u fir-rigward xehed *gie sospiz* [il-facilità] *fil-5 ta' Novembru 2010, kienet ilha tgawdi mis-servizz mil-1993 u gie sospiz minhabba li l-bank dakinhar iddecieda li minhabba l-facilitajiet li kellha s-socjetà, dan it-tip ta' negozju kellu jieqaf. ... Mela meta wiehed jaccetta l-karti ta' kreditu online jew through website, hemm certu riskju ghall-bank, li l-bank fic-cirkostanza dakinhar hass li ma kellux jikompli jestendi minhabba l-kontijiet li kellha s-socjetà*. In risposta ghall-mistoqsija tal-Qorti ***jigifieri biex niftehmu, il-problema tal-bank kienet is-sitwazzjoni finanzjarja mal-bank at that point in time?*** John Pace bla ezitazzjoni ta' xejn wiegeb ***ezatt***. Mistoqsi mill-gdid dwar ir-raguni ghalfejn il-facilità tas-socjetà konvenuta giet irtirata mill-Bank ossia ***ghax ghidtli li minhabba li kellu d-dejn mal-bank, zgur li mhux minhabba li sibtu dan l-incident tat-transazzjonijiet li sibtu dan l-ammont ta' flus li qeghdin hemmhekk stagnati? Ma kellu xejn x'jaqsam dan?*** John Pace wiegeb ***ma kellu xejn x'jaqsam ghax il-bank mhux ser jara terzi persuni, il-bank jara d-decizjoni tieghu fuq is-sitwazzjoni tieghu***[29].

Mix-xhieda ta' John Pace johrog ghalhekk li ghalkemm is-socjetà konvenuta kellha problema dwar pagamenti li gew approved izda mhux captured – liema problema però ma jirrizultax konfermat li giet kawzata mill-attur kif allegat minn Albert sive Robby Borg – dawn il-pagamenti kienu fl-ammont ta' 41,000 Lira Sterlina u €4,500 u mhux fl-ammont ta' 90,000 Lira Sterlina kif allegat minn Albert sive Robby Borg, il-pagamenti kollha gew ipprocessati u mhallsa lis-socjetà konvenuta li finalment, kuntrarjament ghal dak allegat minn Albert sive Robby Borg, ma ghamlet l-ebda telf, u l-facilità li s-socjetà konvenuta kellha mal-Bank giet irtirata mill-Bank minhabba problemi finanzjajri li kellha s-socjetà u mhux minhabba dan il-kaz partikolari tal-flus li gew approved izda mhux captured f'waqthom.

Jigi osservat ukoll li ghalkemm fl-affidavit tieghu Albert sive Robby Borg afferma li *dawn l-abbuzi tal-website u passwords* [l-attur] *ghamilhom ukoll lil Mario Vella ta' Travellers Lodge Hotel, infatti l-Pulizija kienu baghtu ghal*

---

[27] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2012, fol. 94 sa' 97 tal-process. Enfasi tal-Qorti.
[28] Fol. 136 sa' 140 tal-process.
[29] Enfasi tal-Qorti.

*Vella ghax hasbu li huwa ried jaghmel frodi bil-websites…*[30] is-socjetà konvenuta ma ressqet l-ebda prova – wisq inqas lil dan Mario Vella ta' Travellers Lodge – biex jikkorobora u jikkonferma dak allegat minn Borg.

Fir-rigward ta' l-ammont ta' €7,601.50 pretiz mill-attur, Albert sive Robby Borg iddikjara li *f'April 2010 kien tani kont biex jiena nhallsu tal-commission li skond hu jiena kelli nhallsu peress li din il-commission kienet ta' 2% fuq kemm kienu jidhlu flus minn fuq bookings fil-Lukanda li jkunu saru minn fuq il-websites. Dan kien il-kont ta' Marzu 2010 li jammonta ghal Ewro 323.23c. Ic-cifri kien jivvinthom hu u ma kienux jirrapprezentaw il-verità peress li kienu ezagerati. Jiena kont hallastu minghajr ma kont rajt u vverifikajt li fil-fatt kienu dahlu dawk l-ammonti ta' bookings minn fuq il-website. Xi zmien wara u cioè f'Mejju kien tani kont iehor, cioè dak ta' April 2010 u l-istess kont kont hallastu minghajr ma tajt kaz u vverifikajt jekk kellhiex dak l-ammont ta' nies li bbukjaw minn fuq il-websites. L-invoice hija ta' Ewro 414.53c u jien tajtu Ewro 500. Dan Albert Falzon beda jibghatli hafna kontijiet. Beda jibghat kontijiet wiehed f'wiehed. Jiena ma stajtx inlahhaq ma' dawn il-kontijiet li beda jibghat u kont ghedt lill-accounts department tieghi biex jiehduli hsieb daqsxejn x'qieghed jigri. Kien hawnhekk li ndunajna li Albert Falzon kien qieghed jesagera c-cifri biex itella l-commission kemm jiflah*[31]. F'dan il-kaz ukoll in sostenn ta' dak affermat minn Albert sive Robby Borg is-socjetà konvenuta strahet fuq ix-xhieda ta' Paul Banavage u Sharon Falzon, liema xhieda però f'dan il-kaz ukoll bl-ebda mod ma tissostanzja b'mod sodisfacenti dak affermat minn Albert sive Robby Borg.

Ghalkemm fl-affidavit ulterjuri taghha[32] Sharon Falzon spjegat kif minn ricerka li ghamlet[33] skontha rrizulta li c-cifri moghtija mill-attur bhala l-bazi ghad-determinazzjoni tal-commission dovuta lilu huma ezagerati, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li ghal ragunijiet li taf is-socjetà konvenuta biss tali ricerka hija limitata ghal tlett *online booking sites* biss, ossia ghal booking.com, www.webresint.com u ghal www.venere.com, mentri l-commission pretiza mill-attur hija mahduma fuq entries li jirrizlutaw minn *online booking sites* ohra hekk kif jirrizulta mill-fatturi esebiti mill-istess attur. Lanqas ma tista' tonqos milli tosserva l-fatt li s-socjetà konvenuta ma ressqitx *records* u registri taghha minn fejn certament tirrizulta l-*occupancy* fil-lunkanda tul il-perijodi in kwistjoni, records u registri li difficilment jitwemmen li ma jezistux peress illi tali informazzjoni hija necessarja, jekk xejn aktar, ghall-obbligi fiskali ta' l-istess socjetà. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti ma tqisx li l-prova prodotta mis-socjetà konvenuta tramite x-xhieda ta' Sharon Falzon kif moghtija fl-affidavit ulterjuri taghha hija prova sodisfacenti li l-ammont pretiz mill-attur huwa ezagerat.

---

30 Para. (e) ta' l-affidavit ta' Albert sive Robby Borg, fol. 51 tal-process.
31 Para. 7 sa' 10 ta' l-affidavit ta' Albert sive Robby Borg a fol. 48 u 49 tal-process.
32 Fol. 142 u 143 tal-process.
33 Fol. 153 sa' 162 tal-process (originarjament fol. 115 sa' 124 tal-process).

Paul Banavage ukoll ma jaghtix sostenn ghal dak allegat minn Albert sive Robby Borg in kwantu huwa ma jibbazax ir-rimarki tieghu dwar l-ammonti pretizi mill-attur fuq figuri konkreti w accertati izda semplicement iddikjara *qed naraha daqsxejn gholja imma trid tidhol fis-sistema biex tara x'hemm u jrid ikollok l-access. Jiena ma nistax nghid hawnhekk qeghdin tajjeb jew hazin, imma l-prassi hija li f'Awwissu l-occupancy hija ferm aktar gholja. Issa dawn jekk taghmilhom xahar xahar ma tistax tghid li Mejju qed jirrifletti Gunju, Lulju u Awwissu ghax kull xahar huwa ghalih. Mejju qed jidher li huwa gholi hawnhekk €110,000 compared ma' l-ohrajn ghax imbaghad Gunju €77,000 imbaghad f'Lulju €71,000.* Apparte dawn ir-rimarki da parte ta' Paul Banavage il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva u taghti d-debita importanza lil dak dikjarat minn Banavage in risposta ghall-mistqosija *imma x'raguni ta s-Sur Borg ghalfejn ma riedx ihallsu* [lill-attur]? *Jiena ma jidhirlix li ma riedx jaghtihomlu l-flus, jiena sa' l-ahhar li tkellimt mieghu s-Sur Borg qalli "tkessah it-tifel ghax li kieku qaghad kif kellu joqghod, sallum kieku gja hadhom il-flus"*[34].

Fid-dawl ta' dan osservat ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li hija iktar kredibbli il-posizzjoni ta' l-attur ossia li huwa ghandu jiehu minghand is-socjetà konvenuta s-somma ta' €7,601.50 bhala commission ghall-bejgh ta' kmamar fil-lukanda Qawra Inn Hotel ghax-xhur minn April sa' Settembru 2010, in kwantu giet minnu sodisfacentement ippruvata, milli hi dik tas-socjetà konvenuta kemm fir-rigward ta' l-oggezzjoni taghha ghall-hlas lill-attur ghaliex l-ammont pretiz huwa ezagerat kif ukoll fir-rigward tal-pretensjoni taghha li l-attur huwa passibbli ghall-hlas tad-danni minnu allegatament kawzati lilha, u dana peress illi s-socjetà konvenuta palesament naqset milli tipprova b'mod sodisfacenti dak minnha allegat u pretiz fil-konfront ta' l-attur.

F'tali rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Mifsud v. Carmelo Mifsud, Appell Civili Nru. 1536/99** deciza fit-12 ta' Novembru 2003: *huwa minnu illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega fatt u mhux fuq min jinnegah. Dan jghidu espressament l-Artikolu 562 tal-Kap.12. Tajjeb f'dan l-istadju li jigi precizat illi l-principju ta' l-oneru tal-provi ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatti kostituttivi tad-dritt pretiz trid tigi rikavata esklussivament minn provi offerti minn min huwa gravat b'dan l-oneru. Dan ghaliex dejjem jistghu jigu wtilizzati elementi probatorji ohrajn akkwiziti fil-process, in kwantu fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju li r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod, anke indipendentement mill-inizzjattiva tal-parti, basta jikkonkorru flimkien u indistintament ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-verità xejn ma hu eskluz, lanqas l-uzu ta' prova fornita minn parti li kapaci tforni elementi favorevoli lill-kontro-parti. Konformement ma' dan il-kuncett hemm dak li l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una*

[34] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2012, fol. 98 sa' 112 tal-process.

*volta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova ta' fatt jew fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attrici ma tiddispensax lill-attur mill-oneru li adegwatament jiddimostra l-legittimità u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tieghu. Fil-kaz, imbaghad, li l-konvenut ma jikkuntentax ruhu bis-semplici kontestazzjoni generika ta' l-assunt ta' l-attur, u anzi jikkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti il-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura jinsorgi fih l-obbligu li hu wkoll igib il-quddiem prova dimostrttiva a sensu ta' l-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f'kaz ta' prova insufficjenti jew insodisfacenti.*

Dawn il-principji japplikaw iktar u iktar fil-kaz in ezami fejn is-socjetà konvenuta sahhet l-oggezzjoni taghha, u kwindi l-eccezzjonijiet taghha, ghat-talba attrici bil-kontro-talba ghad-dikjarazzjoni ta' responsabilità ghad-danni u konsegwenti hlas tad-danni likwidati, liema pretensjonijiet u konsegwenti talbiet rikonvenzjonali ma gew minnha bl-ebda mod ippruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta ghat-talba ta' l-attur;
2. Tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta;
3. Tichad it-talbiet rikonvenzjonali tas-socjetà konvenuta; u
4. Konsegwentement tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €7,601.50, rapprezentanti kummissjoni ghall-bejgh ta' kmamar fil-lukanda Qawra Inn Hotel ghax-xhur li jiddekorru minn April sa' Settembru 2010, bl-imghax legali dekoribbli mill-11 ta' Novembru 2010, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lis-socjetà konvenuta, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi ghalhekk il-proceduri rikonvenzjonali, jibqghu a karigu esklussiv tas-socjetà konvenuta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**